MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCICLUNA DAVID**

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 145/1997/1

Registratur tal-Qrati
vs
Richard Flatley

Illum, 11 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Jannar 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi b'rikors ipprezentat fit-2 ta' Ottubru 1996, Antoinette Flatley esponiet li wara li gie esegwit il-mandat ta' zgumbrament numru 4365/96/GV, dokument "X1", fil-fond "Kaya Lodge", Triq il-Wasliet, Swieqi, fil-25 ta' Settembru 1996 li in forza tieghu gie zgumbrat il-konvenut odjern, u wara li l-istess Antoinette Flatley giet moghtija c-cwievet tal-istess fond mill-marixxall, l-istess konvenut ixxabbat

mal-gallarija, dahal fil-fond, u biddel is-serratura, b'rizultat li giet zgumbrata l-istess Antoinette Flatley;

Illi bl-imsemmi rikors l-istess Antoinette Flatley talbet li din il-Qorti tordna li jittiehdu proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha kontra l-konvenut minhabba l-agir abuziv tieghu kif intqal fuq;

Illi l-konvenut, debitament notifikat bir-rikors baqa' ma rrispondiex fiz-zmien lilu moghti;

Illi ghalhekk din il-Qorti laqghet it-talba ta' Antoinette Flatley, maghmula bil-precitat rikors tat-2 ta' Ottubru 1996, b'digriet tal-25 ta' Novembru 1996, u hekk ordnat lill-attur biex jibda proceduri kontra l-konvenut Richard Flatley ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha, dokument "X2".

talab li din il-Qorti:

1. Issib lill-konvenut hati ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u

2. tikkundannah ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bill-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' komtumaci;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Il-kawza odjerna**

Din il-kawza saret wara digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta’ Novembru 1996 fuq talba ta’ Antoinette Flatley sabiex jittiehdu proceduri ta’ disprezz kontra l-konvenut wara li dan sgassa l-bieb principali tal-fond Kaya Lodge, Triq il-Wasliet, Swieqi, hekk kif kien gie esegwit mandat ta’ zgumbrament kontra tieghu.

## Il-provi prodotti

Wara digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta’ Marzu 1996, Antoinette Flatley talbet il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament kontra l-konvenut zewgha mill-fond fuq imsemmi. (Dok. X1 a fol. 5). Dan il-mandat gie esegwit mill-marixxal John Vassallo li, wara li biddel is-serratura, ghadda c-cwievet lil Antoinette Flatley. Meta Antoinette Flatley marret xi jiem wara biex tipprova tidhol, sabet is-serratura mibdula u ghalhekk ma setghetx tidhol. Jirrizulta li kien il-konvenut stess li kien rega’ sgassa u dahal fil-post. Difatti Antoinette Flatley ghamlet perijodu tghix ghand ommha sakemm il-konvenut gie kkundannat sentenza ta’ prigunerija u kien waqt li qieghed iservi dik is-sentenza li kien possibbli ghaliha li terga’ tidhol lura d-dar.

## Konstatazzjonijiet ta’ dritt

Din il-kawza tittratta dwar disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u bhala tali taqa’ taht  id-dispozizzjonijiet tat-Titolu XVII tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikoli 988 sa 1003A tal-Kap 12). L-artikoli in kwistjoni jiddisponu li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u jippreskrivu l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. Hekk insibu specifikati l-pieni tac-canfira, l-*ammenda*, il-*multa*, u anke d-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Minn dan jidher car li dan il-procediment jitqies ta’ indoli kriminali u li l-fatt li l-procediment jigi inizjat permezz ta’ citazzjoni, cioe` l-att li normalment jintuza f’azzjonijiet civili, ma jnehhi xejn min-natura kriminali ta’ tieghu. F’dan il-kaz ic-citazzjoni tista’ titqies bhala t-tahrika ta’ l-“akkuzat” biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza.

## Apprezzament tal-provi

Huwa evidenti li bl-agir tieghu l-konvenut mar direttament kontra ordni tal-Qorti. Fil-mandat ta' zgumbrament insibu testwalment dawn il-kliem:

*"Inti, ghaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ikkmandat li tizgombra effettivament lill-intimat mill-fond imsemmi, billi taghti kopja ta' dan il-mandat, li ma jfixkilx/ifixklux lill-istess rikorrenti fit-tgawdija libera tal-fond imsemmi, taht il-pieni li hemm ghal disprezz tal-Qorti."*

Il-Qorti kienet ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond imsemmi. Wara li gie esegwit il-mandat, il-konvenut sgassa l-fond biex rega' dahal fih u b'hekk irrenda inutili l-esekuzzjoni ordnata mill-Qorti. Dan imur direttament kontra r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-kovenut huwa hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Qorti vs George Galea** deciza fl-14 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.ii.226) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li *"hija gurisprudenza kostanti li ghalkemm il-htija tibqa', it-talba ghall-iskuza tista' timmitiga l-htija ta' min jikkommetti att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti (Ara l-Qorti vs Caterina Cachia, 9 ta' Marzu 1950 Qorti tal-Kummerc, Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iii.783)"*. F'dan il-kaz il-konvenut fl-ebda waqt ma talab skuza u l-unika darba li deher f'dawn il-proceduri kien fis-27 ta' Gunju 2000 taht skorta meta ma jirrizulta li qal xejn.

Ghalhekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti ssib li ghandha tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' *multa* ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) li ghandha tithallas fi zmien xahar millum u fin-nuqqas ta' hlas fit-terminu moghti tigi konvertita, a tenur ta' l-artikolu 1002 tal-Kap 12 u s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 tal-Kap 9, fi prigunerija ghal zmien hmistax-il gurnata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

Issib lill-konvenut hati ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), u

Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ *multa* ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500) fir-Registru ta’ din il-Qorti fi zmien xahar millum u fin-nuqqas ta’ tali hlas fiz-zmien moghti, l-imsemmija *multa* qed tigi konvertita fi prigunerija ghal zmien hmistax(15)-il gurnata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**